



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

5.7.2010

0059/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar Parlament nadif

**Sonia Alfano, Eva Joly, Rosario Crocetta, Rita Borsellino**

Data ta' skadenza: 11.11.2010

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar Parlament nadif**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Parlament irid jiggarrantixxi lill-votanti l-ogħla livell ta' trasparenza possibbli rigward l-attivitajiet tiegħu, skont l-aħjar tradizzjonijiet tal-parlamentariżmu Ewropew,
- B. billi l-ħtieġa għat-trasparenza u l-effettività hija akbar fil-livell Ewropew milli fuq il-livell nazzjonali, minħabba s-sensittività u l-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet, li jaffettaw nofs biljun ruħ,
- C. billi l-Parlament jaqsam ir-responsabilità għal-leġiżlazzjoni Ewropea f'oqsma li jinkludu koperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija fi kwistjonijiet kriminali, u għandu, flimkien mal-Kunsill, jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet fundamentali u d-drittijiet taċ-ċittadini, kif stipulat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,
  1. Iqis li dawn id-dmirijiet leġiżlattivi m'għandhomx jitwettqu minn persuni li ġew ikkundannati, anke fl-ewwel istanza u anke meta s-sentenza ma tinkludix l-esklużjoni mill-karigi pubbliċi;
  2. Iqis li l-kandidati għall-elezzjonijiet Ewropej ma jridux ikunu nstabu ġatja ta' korruzzjoni, abbuż ta' uffiċċju pubbliku, inċitament għar-razziżmu jew reati relatati mal-involvement ma' gruppi mafjużi, mal-kriminalità organizzata jew mat-terroriżmu;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.